# ID-DAWL

NOVEMBRU 2022 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 59

“U Aħna amarna lill-bniedem biex ikun ħanin mal-ġenituri tiegħu.”



Il-Materjaliżmu | Evitaw l-Interessi | Il-Ħlewwa mal-Ġenituri | Il-Ħelsien mid-Dnub

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Editorjal

# IL-MATERJALIŻMU

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Il-familja bla dubju ta' xejn hija ta' importanza kbira. Familja kuntenta u b'saħħitha tfisser ħajja kuntenta u b'saħħitha. Meta jkun hemm paċi fid-dar dan isir evidenti fil-ħajja tagħna ta' kuljum u r-relazzjonijiet soċjali tagħna.

Imma, iż-żieda fil-materjaliżmu biegħdet lill-umanità mill-valur tal-familja. Id-dinja hija assorbita wisq fil-materjaliżmu, kemm fil-Lvant kif ukoll fil-Punent. Hemm ftit nies li japprezzaw verament li l-barkiet kollha f'din id-dinja huma minn Alla u huwa Hu biss li ta lill-bniedem il-kapaċità u l-għerf li joħloq affarijiet għall-konvenjenza u s-sigurtà tiegħu.

Minħabba din iż-żieda fil-materjaliżmu li okkupana ħafna, xi drabi aħna ninsew ukoll lilna nfusna, lill-familji tagħna, lit-tfal u anke lill-ġenituri tagħna.

Fuq kollox, il-bniedem qed jinsa lill-Ħallieq u jqis l-affarijiet materjalistiċi bħala mezz għall-paċi interna, imma jinsa l-fatt li l-paċi u s-sodisfazzjon jinsabu biss fit-tifkira ta' Alla; kif Alla qal fil-Koran Imqaddes li, **"Huwa fit-tifkira ta' Alla li l-qlub jistgħu jsibu sodisfazzjon u paċi."** (13:29)

## ID-DAWL

NOVEMBRU 2022 – Numru 59
Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

## INDEX

| | |
|---|---|
| Materialism | 02 |
| Avoid interest | 03 |
| Kindness with parents | 04 |
| To be free from sin | 06 |

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Cooperr | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# EVITAW L-INTERESSI

**Alla jneħħi l-interessi u jżid il-karità. (2: 277)**

O intom li temmnu! Ibżgħu minn Alla u ċedu dak li jibqa' mill-interessi, jekk tassew temmnu. (2: 279)

**O intom li temmnu! Taħtfux l-interess li jinvolvi żidiet diversi; u ibżgħu minn Alla sabiex tistgħu tirnexxu. (3: 131)**

Dak li tħallas bħala mgħax li jista' jżid il-ġid tan-nies, ma jiżdiedx quddiem Alla; imma dak kollu li tagħti f'Żakaat (karità) għall-imħabba ta' Alla—huma dawn li jżidu ħafna l-ġid tagħhom. (30:40)

Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], il-Kap Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, jgħid: "Il-Koran Imqaddes iggwidana (dwar l-interessi) billi jgħid: aħarbu l-interessi għaliex l-interessi huma saħta tant li huma periklu għall-paċi domestika, nazzjonali u internazzjonali. Ġejna mwissija li dak li jaċċetta l-interessi jum wieħed ikun dak li Satana jkun ikkastigah bil-ġenn. Għalhekk aħna l-Musulmani ġejna mwissija biex naħarbu sitwazzjoni bħal din, nieqfu ninnegozjaw fl-interessi għaliex il-flus li jiġu mill-interessi ma jkabbrux il-ġid tiegħek, għalkemm fid-dieher jidhru li qed jiżdiedu. Hu inevitabbli li jiġi żmien meta l-effetti veri joħorġu. Barra minn hekk, aħna ġejna mwissija li ma nistgħux nidħlu f'negozju ta' interessi, bi twissija li jekk aħna nagħmlu hekk, inkunu qed immorru kontra r-rieda ta' Alla...

Alla Omnipotenti jgħid: Ersqu lejn il-paċi li tista' tkun biss garantita meta jkun hemm kummerċ ġenwin u ta' ġid u meta r-riżorsi jitqiegħdu għall-użu b'mod propju u ġust... Infakkar li l-paċi vera tad-dinja tinstab biss billi nduru lejn Alla. Jalla Alla jagħmel possibbli li d-dinja tifhem dan il-punt u mbagħad il-bnedmin ikunu jistgħu jaqdu d-dmir lejn id-drittijiet tal-oħrajn."
(*Il-Kriżi Dinjija u t-Triq għall-Paċi*, p. 37-38)

# IL-ĦLEWWA MAL-ĠENITURI

Din hija n-natura tal-bniedem li dejjem jixtieq jgħix ma' dawk li jħobbuhom b'tant passjoni u b'kumpassjoni enormi, minn qalbhom. Il-ġenituri tagħna li dejjem iħobbuna b'qalbhom jixtiequ jgħixu ma' wliedhom jew jistgħu jqattgħu ftit ħin prezzjuż magħhom. Illum il-ġurnata ħafna ġenituri jgħixu fid-djar tal-anzjani. Jien ċert li, jekk ikollhom għażla, ħafna minnhom żgur jippreferu li jgħixu mat-tfal u man-neputijiet tagħhom, fid-dar tal-familja.

Huwa importanti ħafna li rridu nifhmu li, mard fiżiku huwa ħafna iktar faċli biex tfejjaq jew ittaffi, iżda t-trawmi psikoloġiċi profondi li minnhom qed ibatu numru konsiderevoli ta' ġenituri u membri anzjani tas-soċjetajiet moderni, huma ferm aktar diffiċli biex jiġu identifikati, mogħtija l-konsiderazzjoni xierqa u l-attenzjoni dovuta sabiex jiġu kkurati.

Ħafna drabi l-ġenituri jsiru ferħanin b'ġesti żgħar, u jaġixxu bħallikieku rċevew il-barkiet kollha tad-dinja u tas-smewwiet, bħallikieku sabu teżor prezzjuż, bħallikieku x-xewqat kollha tagħhom ġew sodisfatti, bħallikieku l-ħolm kollu tagħhom sar realtà.

L-Iżlam ta importanza kbira għar-rispett lejn il-ġenituri. Alla jgħid fil-Koran Imqaddes li huwa obbligatorju li nieħdu ħsieb il-ġenituri tagħna, u dejjem nittrattawhom b'mod ġentili.

**Sidek amar, "Uru tjieba lejn il-ġenituri. Jekk xi ħadd minnhom, jew it-tnejn li huma, jixjieħu miegħek, qatt tgħidilhom kliem iebes jew ta' stmerrija, iżda indirizzahom bil-ħlewwa. U b'umiltà u tenerezza itlob: Sidi, ħenn għalihom bħalma rabbewni meta kont żgħir."** (Il-Koran, 17:24-25)




**"U Aħna amarna lill-bniedem biex ikun ħanin mal-ġenituri tiegħu."** (Il-Koran, 46:16)

Dan juri biċ-ċar kemm huwa importanti li nieħdu ħsieb tajjeb lill-ġenituri tagħna, u mhux biss li nieħdu ħsiebhom, imma nitolbu għalihom regolarment sabiex jekk xi ħaġa hija nieqsa mis-servizz tagħna, Allah jagħtihom dak kollu li huwa tajjeb għalihom. Barra minn hekk, huwa importanti immens li kuljum niltaqgħu mal-ġenituri tagħna, inqattgħu ħin fil-kumpanija ta' xulxin, ngħidulhom ftit kliem ħanin u sabiħ, nagħtuhom xi massaġġi, u nuruhom l-imħabba u l-mogħdrija. Għax, 'fejn tħobb il-qalb jimxu r-riġlejn'. Meta nagħmlu dan, nindunaw li wiċċhom jixgħel bit-tbissima u d-dawl tal-ferħ.

Niftakru sew li l-ġenituri tagħna kienu magħna f'kull mument kemm ta' ferħ jew ta' niket. Huma dejjem kienu spalla effettiva għalina f'mumenti tal-isfidi. Għalhekk, tassew jistħoqqilhom li nieħdu ħsiebhom tajjeb ħafna, u nkunu grati lejhom, għax "min ma jiżżix ħajr lin-nies, lanqas ma jiżżi ħajr lil Alla".

# IL-ĦELSIEN MID-DNUB




Il-fatt huwa li ħadd ma jista' jikseb il-ħelsien sħiħ mid-dnub, u lanqas ma wieħed jista' jħobb verament lil Alla jew jibża' Minnu, bħalma jistħoqqlu li jkun kawża ta' biża', sakemm wieħed ma jkunx kiseb għarfien u qawwa vera bl-għajnuna tal-grazzja u l-ħniena ta' Alla stess. Huwa evidenti li l-għarfien sħiħ huwa l-bażi tal-biża' u l-imħabba kollha u huwa biss wara li wieħed ikun kiseb l-għarfien u r-rikonoxximent ta' xi ħaġa li l-imħabba, ix-xewqa, il-biża' jew l-istmerrija għal dik il-ħaġa partikolari jistgħu jinbtu fil-qalb ta' dak li jkun. Huwa ċertament veru li wieħed ma jistax jikseb l-għarfien sħiħ mingħajr il-konċessjoni ta' Alla, u ma jista' jibbenefika lil ħadd ħlief bil-grazzja ta' Alla. Dan l-għarfien imbagħad jiftaħ il-bieb għat-tiftix u r-rikonoxximent tal-verità.

Huwa biss b'atti ripetuti tal-grazzja Divina li dan il-bieb jibqa' miftuħ u ma jerġax jingħalaq. L-għarfien spiritwali, fil-qosor, jista' jinkiseb biss permezz tal-grazzja Divina, u bis-saħħa tagħha biss li jista' jibqa' jeżisti. Il-grazzja Divina ssaffi u tkebbes l-għarfien, tneħħi l-veli li jitfaċċaw u tnaddaf in-*Nafs-e-Ammārah* [ir-ruħ li titqanqal għall-ħażen] mill-impuritajiet kollha tagħha. Tagħti s-saħħa u l-ħajja lir-ruħ u teħles lill-parti mħassra tagħha mill-ħabs tad-dnub u ssaffiha mill-passjonijiet ħżiena tagħha.

Barra minn hekk, din il-grazzja ssalva lill-persuna minn għadd ta' passjonijiet karnali, u għamla ta' trasformazzjoni sseħħ fil-bniedem u tiżviluppa fih stmerrija naturali għad-dnub. Minn hemm, proprju l-ewwel impuls li jinħass mir-ruħ, bis-saħħa tal-grazzja ta' Alla, jissejjaħ *du'ā* (supplika). Taħsbux li aħna diġà nitolbu kuljum, u s-*Ṣalāt* li noffru huwa wkoll talb; għaliex it-talb li jiġi wara l-għarfien vera u li jitwieled mill-grazzja Divina għandu lewn u sura għalkollox differenti. Dan it-talb huwa ħaġa li tikkonsma, huwa nar li jdub, huwa forza manjetika li tiġbed il-ħniena Divina, huwa mewt iżda li finalment jagħti l-ħajja, huwa għargħar infurjat li iżda jinbidel f'dgħajsa. Permezz tiegħu, kull għelt jissewwa u kull velenu fl-aħħar isir antidotu.

**Imberkin il-ħabsin li qatt ma jieqfu jitolbu**, il-għaliex jum fost l-oħrajn jistgħu jinħelsu. Imberkin l-għomja li jgħidu t-talb tagħhom b'entużjażmu, il-għaliex jum fost l-oħrajn għad jaraw. Imberkin dawk li jinsabu fl-oqbra li jitolbu 'l Alla għall-għajnuna u għall-assistenza l-għaliex jum fost l-oħrajn għad jinħarġu mill-oqbra tagħhom. Imberkin intom li qatt ma tegħjew titolbu, ruħkom iddub fit-talb, għajnejkom idemmgħu, u nar jitkebbes f'sidirkom li jeħodkom fi mkejjen mudlama u deżerti ħalli tkunu



Enterlinedesign - Sutterstock

tistgħu ttiegħmu s-solitudni u jressaqkom lejn l-irrekwitezza u qrib il-ġenn, sakemm fl-aħħar tkunu tistgħu tirċievu premjijiet Divini.

**L-Alla li qed inressaqkom Lejh huwa** Ġentili, Ħanin, Modest, Sinċier u Fidil. Huwa juri l-ħniena Tiegħu ma' dawk li huma umli. Intom ukoll għandkom tkunu fidili u titolbu bis-sinċerità u d-devozzjoni kollha, ħalli Huwa jkun jista' juri l-ħniena tiegħu magħkom. Inqatgħu mill-kommozzjoni tad-dinja u tagħtux raġuni reliġjuża għall-argumenti egoistiċi tagħkom. Aċċettaw it-telfa f'isem Alla ħalli tkunu tistgħu ssiru werrieta għal rebħiet kbar. Alla juri l-mirakli lil dawk li jitolbu u dawk li jsaqsu jkunu mberkin bi grazzja straordinarja. It-talb jiġi minn Alla u lejh jerġa' jmur. Bis-saħħa tat-talb Alla jkun qrib tagħkom daqs ħajjitkom stess.

**L-ewwel grazzja tat-talb hija** li din iġġib bidla qaddisa f'persuna, u bħala konsegwenza Alla jwettaq ukoll trasformazzjoni fl-attributi Tiegħu. L-attributi tiegħu ġeneralment ma jinbidlux iżda, għal persuna daqshekk trasformata, Huwa jġib ruħu b'mod differenti, li d-dinja mbagħad ma tintebaħx biha. Ikun jidher li Huwa sar Alla ieħor, madanakollu fil-verità ma jkun hemm l-ebda Alla ieħor. Il-verità hi li din tkun manifestazzjoni ġdida Tiegħu li turih f'dawl għalkollox differenti. Huwa f'dak il-mument li Alla, b'rispett lejn din il-bidla speċjali, iwettaq ma' dik il-persuna trasformata dak li ma jagħmilx ma' ħaddieħor. Dawn huma dawk li jissejħu mirakli.

(Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, *Ruhani Khazain* V. 20, p. 221-223)

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**